

# Il-Milizzja tal-Immakulata Kunċizzjoni



Il-Milizzja tal-Immakulata (M.I.) hija għaqda internazzjonali ta' Kattoliċi li waqqafha San Massimiljan M. Kolbe fl-1917.

L-għan tal-Milizzja hu li tgħin lin-Nisrani jgħix ħajja ta' konverżjoni bla waqfien, huwa u jimxi wara l-Mulej fuq il-mudell tal-Verġni bla tebgħa, li hi l-mara li semgħet u stenniet.

Il-Milizzja tgħin lin-Nisrani jgħix b'kuraġġ u umiltà ħajja ta' spiritwalità missjunarja b'risq l-evanġelizzazzjoni tad-dinja. Ix-xenqa għall-miġja tas-Saltna t'Alla fostna hija l-qalba tal-ideal Kolbjan.

Il-mezzi tal-Milizzja huma: it-talb, il-ħajja tal-grupp, u t-taħriġ bla heda fil-karità, permezz tal-ħidma volontarja, lejn il-bnedmin imżebilħin fid-dinjità tagħhom. Hemm ukoll it-tixrid tal-Istampa Marjana u d-devozzjoni lejn il-Midalja Mirakuluża. Wieħed mid-dmirijiet tal-imseħbin fil-Milizzja tal-Immakulata hu li jgħidu l-Att ta' Konsagrazzjoni miktub minn San Massimiljan u jgħixuh fil-ħajja tagħhom.

## Att ta' Konsagrazzjoni lil Verġni Marija Immakulata



Verġni bla tebgħa,
Omm tiegħi Marija,
jiena nġeddidlek illum
u għal dejjem
il-konsagrazzjoni tiegħi
innifsi sabiex inti tiddisponi
minni għal ġid tal-erwieħ.
Biss nitolbok,
Sultana tiegħi u
Omm il-Knisja,
li jien naħdem bil-fedeltà miegħek,
għall-miġja mixtieqa
tas-Saltna ta' Ġesù Kristu fid-dinja.
Noffrilek, għalhekk,
o Qalb bla tebgħa ta' Marija
it-talb, l-għemil
u s-sagrifiċċju
ta' dan il-jum...

*(żid l-intenzjoni tax-xahar)*

... O Marija
imnissla mingħajr dnub.
Itlob għalina li niġu għandek
u għal dawk li għandek ma jiġux,
l-aktar għall-għedewwa
tal-Knisja Mqaddsa
u għal dawk li huma fdati lilek.